Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 Diċembru 1992,

li tieħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċellosi (*B.melitensis*) u li taġtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda

(93/52/KE)

(ĠU L 13, 21.1.1993, p. 14)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Commission Decision 94/877/EC of 21 December 1994 (*)	L 352	102	31.12.1994
►M2	Commission Decision 94/965/EC of 28 December 1994 (*)	L 371	31	31.12.1994
►M3	Commission Decision 94/972/EC of 28 December 1994 (*)	L 371	48	31.12.1994
►M4	Commission Decision 97/315/EC of 30 April 1997 (*)	L 137	20	28.5.1997
►M5	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/292/KE Tad-29 ta' Marzu 2001	L 100	28	11.4.2001
►M6	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/482/KE tal-21 ta' Ġunju 2002	L 166	23	25.6.2002
►M7	Commission Decision 2003/44/EC of 17 January 2003 (*)	L 13	37	18.1.2003
►M8	Commission Decision 2003/237/EC of 3 April 2003 (*)	L 87	13	4.4.2003
►M9	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/732/KE ta' l-10 ta' Ottubru 2003	L 264	30	15.10.2003
►M10	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/199/KE tas-27 ta' Frar 2004	L 64	41	2.3.2004
►M11	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/320/KE tal-31 ta' Marzu 2004	L 102	75	7.4.2004
►M12	Deċizjoni tal-Kummissjoni 2005/28/KE tat-12 ta' Jannar 2005	L 338M	124	17.12.2008
►M13	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/179/KE ta' l-4 ta' Marzu 2005	L 272M	132	18.10.2005
►M14	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/604/KE ta' l-4 ta' Awwissu 2005	L 349M	258	12.12.2006
►M15	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/764/KE tat-28 ta' Ottubru 2005	L 349M	527	12.12.2006
►M16	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/169/KE tal-21 ta' Frar 2006	L 118M	336	8.5.2007
►M17	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/399/KE tal-11 ta' Ġunju 2007	L 150	11	12.6.2007
►M18	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/97/KE tat-30 ta' Jannar 2008	L 32	25	6.2.2008
►M19	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/391/UE tat-8 ta' Lulju 2010	L 180	21	15.7.2010
►M20	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/695/UE tas-17 ta' Novembru 2010	L 303	14	19.11.2010
►M21	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/277/UE tal-10 ta' Mejju 2011	L 122	100	11.5.2011
►M22	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/177/UE tal-10 ta' April 2013	L 103	5	12.4.2013
►M23	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/91/UE tal-14 ta' Frar 2014	L 46	12	18.2.2014

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

►**M24**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/892/UE tad-9 ta' Diċembru 2014	L 354	45	11.12.2014

Emendata minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994

Kkoreġuta minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 281, 24.10.2008, p. 35 (93/52/KE)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 57 (93/52/KE)

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 Diċembru 1992,

li tieħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċellosi (*B.melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda

(93/52/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw in-negozju ġewwa l-Komunità ta' nagħaġ u mogħoż [1], u b'mod partikulari l-Anness A, il-Kapitlu 1.II tiegħu,

Billi, fl-Ingilterra, l-Irlanda, l-Olanda, il-Belġju, l-Lussemburgu, il-Ġermanja u ċerti reġjuni fi Franza, il-bruċellosi (*B.melitensis*) kienet marda li għandha tiġi notifikata lill-awtoritajiet għal mill-anqas ħames snin; billi l-ebda każ ma ġie konfermat uffiċjalment hemmhekk għal mill-anqas ħames snin u t-tilqim kien projbit hemmhekk għal mill-anqas tliet snin; billi għalhekk irid jiġi notat uffiċjalment illi jikkonformaw mal-kundizzjonijiet imniżżla fl-Anness A, il-Kapitlu 1.11(1)(b);

Billi, barra minn hekk, l-Istati Membri jew reġjuni msemmija hawn fuq jimpenjaw ruħhom li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness A, il-Kapitlu 1.II(2); billi, konsegwentement, l-Istati Membri u reġjuni msemmija għandhom jiġu mogħtija uffiċjalment l-istatus ta' ħielsa mill-marda tal-bruċellosi (*B. melitensis*);

Billi l-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

L- Artikolu 1

L-Istati Membri u reġjuni msemmija rispettivament fl-Annessi I u II jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 91/68/KEE, l-Anness A, il-Kapitlu 1.II(1)(b).

L- Artikolu 2

L-Istati Membri u reġjuni msemmija rispettivament fl-Annessi I u II huma rikonoxxuti bħala li huma uffiċjalment ħielsa mill-marda tal-bruċellosi (*B. melitensis*).

[1] ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19.

▼A1

L-Artikolu 2a

Għall-Awstrija, għall-Finlandja u għall-Isvezja il-Kummissjoni għandha tissuplimenta jekk meħtieġ l-Annessi I u II. Id-deċiżjonijiet xierqa għandhom ikunu adottati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni.

▼B

L- Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼**M20**

ANNESS I

Stati Membri uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*)

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
IE	L-Irlanda
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
HU	L-Ungerija
NL	Il-Pajjiżi L-Baxxi
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Isvezja
UK	Ir-Renju Unit

▼M16

ANNESS II

▼M20

Reġjuni ta' Stati Membri uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*)

▼M24

Fi Franza:

"Dipartimenti":

Ain, Aisne, Allier, Alpes de Haute-Provence, Hautes-Alpes, Alpes-Maritimes, Ardèche, Ardennes, Ariège, Aube, Aude, Aveyron, Bouches-du-Rhône, Calvados, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Corrèze, Corse-du-Sud, Haute-Corse, Côte-d'Or, Côtes-d'Armor, Creuse, Dordogne, Doubs, Drôme, Eure, Eure-et-Loir, Finistère, Gard, Haute-Garonne, Gers, Gironde, Hérault, Ille-et-Vilaine, Indre, Indre-et-Loire, Isère, Jura, Landes, Loir-et-Cher, Loire, Haute-Loire, Loire-Atlantique, Loiret, Lot, Lot-et-Garonne, Lozère, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Haute-Marne, Mayenne, Meurthe-et-Moselle, Meuse, Morbihan, Moselle, Nièvre, Nord, Oise, Orne, Pas-de-Calais, Puy-de-Dôme, Hautes-Pyrénées, Pyrénées-Orientales, Bas-Rhin, Haut-Rhin, Rhône, Haute-Saône, Saône-et-Loire, Sarthe, Savoie, Haute-Savoie, Ville de Paris, Seine-Maritime, Seine-et-Marne, Yvelines, Deux-Sèvres, Somme, Tarn, Tarn-et-Garonne, Var, Vaucluse, Vendée, Vienne, Haute-Vienne, Vosges, Yonne, Territoire de Belfort, Essonne, Hauts-de-Seine, Seine-Saint-Denis, Val-de-Marne, Val-d'Oise.

▼M23

Fl-Italja:

— Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta' Pescara,

— Il-Provinċja ta' Bolzano,

— Ir-Reġjun tal-Emilja-Romanja,

— Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezja Giulia,

— Ir-Reġjun tal-Lazjo,

— Ir-Reġjun tal-Liguria,

— Ir-Reġjun tal-Lombardija,

— Ir-Reġjun tal-Marche,

— Ir-Reġjun tal-Moliże,

— Ir-Reġjun tal-Pjemonte,

— Ir-Reġjun ta' Sardenja,

— Ir-Reġjun tat-Toskana,

— Il-Provinċja ta' Trento,

— Ir-Reġjun tal-Umbrija,

— Ir-Reġjun tal-Valle d'Aosta,

— Ir-Reġjun tal-Veneto.

▼M16

Fil-Portugal:

Ir-Reġjun Awtonomu ta' l-Azores.

▼M23

Fi Spanja:

— Il-Komunità Awtonoma tal-Asturji,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji: Il-Provinċji ta' Santa Cruz de Tenerife, Las Palmas,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Kantabrija,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja u León,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Galizja,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Navarra,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Pajjiż Bask.